**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tad-19 ta' Diċembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Mureş – Ir-Rumanija) – proċeduri kriminali kontra Virgil Mailat, Delia Elena Mailat, Apcom Select SA**

**(Kawża C-17/18)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 19 u 29 kif ukoll Artikolu 135(1)(l) — Trasferiment tal-assi kollha jew parti minnhom — Eżenzjoni tal-kiri ta' proprjetajiet immobbli — Kuntratt ta' kiri ta' proprjetà immobbli li sservi għal użu kummerċjali u tal-oġġetti mobbli neċessarji għal dan l-użu — Provvisti relatati mal-proprjetà immobbli li taw lok għat-tnaqqis tal-VAT — Aġġustament)***

(2019/C 65/22)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Mureş

**Partijiet fil-proċedura kriminali prinċipali**

Virgil Mailat, Delia Elena Mailat, Apcom Select SA

**Dispożittiv**

1) *Il-kunċett ta' "trasferiment tal-assi kollha jew parti minnhom", fis-sens tal-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma jkoprix it-tranżazzjoni li permezz tagħha proprjetà immobbli li kienet isservi għal użu kummerċjali tinkera, bit-tagħmir kollu tagħha kif ukoll bil-prodotti għall-konsum meħtieġa għal dan l-użu, minkejja li min jikri jkompli l-attività ta' sid il-kera taħt l-istess isem tad-ditta.*

2) *L-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratt ta' kiri ta' proprjetà immobbli li kienet isservi għal użu kummerċjali kif ukoll tat-tagħmir kollu tagħha u tal-prodotti għall-konsum meħtieġa għal dan l-użu jikkostitwixxi provvista waħda fejn il-kiri tal-proprjetà immobbli hija l-provvista prinċipali.*

([1]) ĠU C 123, 9.4.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Diċembru 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija**

**(Kawża C-51/18)** ([1])

***"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 2(1) — Prattika amministrattiva li tikkonsisti f'li jissuġġettaw għall-VAT ir-remunerazzjoni dovuta fuq il-bażi tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid lill-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti"***

(2019/C 65/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Gossement u B.-R. Killmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: G. Hesse, aġent)

**Dispożittiv**

1) *Sa fejn ipprevediet li r-remunerazzjoni dovuta fuq il-bażi tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid lill-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti hija suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.*

2) *Ir-Repubblika tal-Awstrija hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 112, 26.03.2018

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Seduta Plenarja) tal-10 ta' Diċembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Court of Session (Scotland), Edinburgh – ir-Renju Unit) – Andy Wightman *et* vs Secretary of State for Exiting the European Union**

**(Kawża C-621/18)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 50 TUE — Notifika minn Stat Membru tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea — Konsegwenzi tan-notifika — Dritt ta' revoka unilaterali tan-notifika — Kundizzjonijiet)***

(2019/C 65/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Court of Session (Scotland), Edinburgh

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Andy Wightman, Ross Greer, Alyn Smith, David Martin, Catherine Stihler, Jolyon Maugham, Joanna Cherry

*Konvenut:* Secretary of State for Exiting the European Union

*fil-preżenza ta':* Chris Leslie, Tom Brake

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 50 TUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta Stat Membru jkun innotifika lill-Kunsill Ewropew, konformement ma' dan l-artikolu, l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, l-imsemmi artikolu jippermetti lil dan l-Istat Membru, sakemm ma jkunx daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż bejn l-imsemmi Stat Membru u l-Unjoni Ewropea jew, fl-assenza ta' tali ftehim, sakemm it-terminu ta' sentejn previst fil-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu, kif eventwalment estiż konformement ma' dan il-paragrafu, ma jkunx skada, jirrevoka unilateralment, b'mod inekwivoku u inkundizzjonat, din in-notifika billi jikkomunika din ir-revoka bil-miktub lill-Kunsill Ewropew, wara li l-Istat Membru kkonċernat ikun ħa d-deċiżjoni ta' revoka konformement mal-ħtiġijiet kostituzzjonali tiegħu. L-għan ta' tali revoka jkun il-konferma tas-sħubija ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni Ewropea mingħajr ebda bidla fir-rigward tal-istatus tiegħu bħala Stat Membru, u din ir-revoka ttemm il-proċedura ta' ħruġ.*

(1) ĠU C 445, 10.12.2018.